# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 18**

**Rikors numru 1278/18/1 TA**

**Michael Zammit**

**v.**

**Tonio Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut, wara deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-13 ta' Lulju 2023. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut u laqgħet l-ewwel talba tal-attur u ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli għar-riżarċiment ta' danni favur l-attur bħala konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet fl-1 ta' Awwissu 2017 u llikwidat

danni fl-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u disgħa u ħamsin ewro (€42,059) bl-imgħaxijiet legali mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Daħla**

2. L-attur ressaq is-segwenti talbiet:

> *"1. Tiddikjara lill-konvenut Tonio Micallef unikament responsabbli għall-riżarċiment favur l-attur ta' danni minnu sofferti per konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet nhar l-1 t'Awwissu 2017 mill-konvenut għad-dannu tal-attur Michael Zammit ġewwa Ħal-Luqa.*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali datata 26 t'April 2018 u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunta għas-subizzjoni."*

3. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi l-attur jaħdem bħala uffiċjal fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta. Illi nhar 1 ta' Awwissu 2017, waqt li kien fuq il-post tax-xogħol ġewwa Ħal-Luqa l-esponenti ġiet aggredit inġustament u mingħajr ebda raġuni mill-konvenut Tonio Micallef.*
>
> *2. Illi waqt l-istess aggressjoni il-konvenut ta' daqqa ta' ras f'wiċċ l-esponenti fejn bil-konsegwenza l-attur sofra debilita' permanenti f'persuntu u dan kif jirriżulta mir-rapport tal-Konsulent tal-ENT Mr. Adrian M. Agius hawn anness u mmarkata bħala 'Dok MZ 1';*
>
> *3. Illi għalhekk l-attur sofra danni inġenti kemm f'lucrum cessans u kif ukoll f'damnum emergens u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*
>
> *Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

4. Il-konvenut ressaq is-segwenti risposta ġuramentata:

*"1. Illi d-domandi tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li l-konvenut ma jaħti xejn għall-inċident in kwistjoni u lanqas għall-infortunju, u dan peress illi l-inċident mertu għal din il-kawża ma seħħx minħabba negliġenza da parti tiegħu;*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-inċident ġie kkawżat b'riżultat ta' negliġenza min-naħa ta' l-attur, hekk kif ser jirriżulta fil-proċess ta' din il-kawża;*

*3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, anka kieku kellu jiġi ritenut li l-kovenut Tonio Micallef huwa responsabbli għall-inċident in kwistjoni, ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża li l-attur Michael Zammit ma sofriex minn inġenti kemm f'lucrum cessans u kif ukoll f'damnum emergens kif qiegħed jallega;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni allegati għandhom jiġu pruvati skont il-liġi, occorrendi bl-opera ta' periti nominandi;*

*5. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*6. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni."*

5. Il-konvenut ressaq ukoll kontrotalba:

*"1. Illi l-partijiet jaħdmu bħala uffiċjali fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta. Illi nhar l-1 ta' Awwissu, 2017, waqt li l-partijiet kienu fuq il-post tax-xogħol ġewwa Ħal-Luqa, ir-rikonvenut weġġa;*

*2. Illi rigward dan l-akkadut saret investigazzjoni interna skont l-Armed Forces Act, li minn tali investigazzjoni ma rriżulta l-ebda agressjoni min-naħa tar-rikonvenjent, Tonio Micallef, tant hu hekk li l-investigazzjoni llum il-ġurnata ġiet konkluża u ma nħarġu l-ebda charges fil-konfront tar-rikonvenjent billi dak li qiegħed jiġi allegat minn Michael Zammit mhux minnu;*

*3. Illi bħala konsegwenza tal-inċident, ir-rikonvenjent qiegħed iġarrab danni kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*4. Illi r-rikonvenjent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*5. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Jgħid għalhekk ir-rikonvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa skont il-liġi:-*

*1. Tiddikjara lir-rikonvenut Michael Zammit unikament responsabbli għall-inċident de quo u għad-danni kollha li per konsegwenza ġarrab ir-rikonvenjent.*

*2. Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni hekk sofferti mir-rikonvenjent.*

*3. Tikkundanna lir-rikonvenut biex iħallas lir-rikonvenjent dak l-ammont hekk likwidat u li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikonvenut, li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni."*

6. L-attur ressaq is-segwenti risposta għall-kontrotalba tal-konvenut:

*"1) Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti u dan peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-każ.*

*2) Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda u dan stante kuntrarjament għal dak indikat fil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti l-investigazzjoni tal-Forzi Armati ta' Malta ma ġietx konkluża iżda biss sospiża u dan peress illi nħarġu akkużi kriminali fil-konfront tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema kawżi għadhom sub-judice.*

*3) Mingħajr preġudizzju għas-suespost huwa l-attur rikonvenzjonat illi sofra ġrieħi u diżabilita permanenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonanti ma soffra l-ebda danni u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda kollha bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenzjonanti.*

*4) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur rikonvenzjonanti li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

7. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li:

*"Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-konvenut.*

*Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.*

*Tilqa' l-ewwel talba Attriċi u tiddikjara lill-konvenut Tonio Micallef unikament responsabbli għar-riżarċiment ta' danni favur l-Attur per konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet fl-1 ta' Awwissu 2017.*

*Tilqa' it-tieni talba Attriċi u tillikwida d-danni fl-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u disgħa u ħamsin ewro (€42,059).*

*Tilqa' it-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.*

*Spejjeż tal-Kawża kollha a' karigu tal-konvenut.*"

8. Il-konvenut (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll l-appellant) ressaq appell nhar l-10 ta' Awwissu 2023 u l-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll l-appellat) ressaq risposta nhar is-17 ta' Novembru 2023.

**Retroxena**

9. Din il-Qorti rat l-atti u l-provi mressqa. Kif qieset sew l-Ewwel Qorti l-kwistjoni ddur ma:

*"1. Dan huwa inċident li seħħ nhar l-1 ta' Awwissu 2017. Il-kontendenti t-tnejn huma fil-Forzi Armata ta' Malta. L-Attur huwa bombardier mentri l-konvenut huwa Staff Sargent. Dak in-nhar tal-inċident kienu qed jitneħħew xi armi minn lok fuq ix-xogħol tagħhom. Jidher li fil-kors ta' dan ix-xogħol inqala' xi argument bejn il-kontendenti. L-Attur jgħid li l-konvenut tah daqqa b'rasu f'wiċċu bil-konsegwenza li sofra ġrieħi ta' natura permanenti. Il-konvenut jiċħad li weġġa' lill-Attur intenzjonalment. L-Attur għamel din il-kawża għad-danni li sofra.*

*Punti ta' Liġi*

*2. L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħadd ieħor b'għemilha. Fir-rigward ta' dawn iż-żewg artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara." (ara Sentenza tal-Prim'Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri).*

*3. B'din il-Kawża l-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquiliana u ċioe'*

*l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Għalhekk irid dejjem jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmel din il-prova, li jesisti dak li jissejjaħ in-ness jew rabta tad-danni intrinsikament marbuta mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara Vol.XLI.I.800). Dan qiegħed anke jingħad fid-dawl tal-fatt li "Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili." (Ara Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et)."*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-inċident l-appellant isostni li l-akkadut kien inċident u dan għaliex hu laqat lill-attur f'imnieħru inċidentalment meta qam biex ikellmu u dan wara li l-istess appellat kien qiegħed jaġixxi b'mod insubordinat, argumentattiv u pikuż. Jgħid li qatt ma kellu intenzjoni li jweġġa' jew jaggredixxi lill-appellat iżda sempliċiment li jindirizza u jwieġeb għall-komportament problematiku u insubordinat tal-appellat.

11. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta addebitat ir-responsabbiltà tal-inċident in kwistjoni lilu u dan għaliex l-Ewwel Qorti kellha diversi provi li juru li kien l-appellat li aġixxa b'mod irresponsabbli u degradanti. Għalkemm l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-attur kien bniedem diffiċli hi naqset milli tikkastiga l-istess aġir u komportament u effettivament spiċċat tippremjah. Meta l-attur jargumenta li hu ġie aggredit inġustament dan ma huwa xejn għajr qerq tal-attur għaliex huwa ben konxju tal-fatt li d-diverbju u l-argument li eskala bejnu u bejn l-

appellant kien proprju minħabba l-imġieba tiegħu. Dan joħroġ ċar mir-rapport tal-Forzi Armati li ġie redatt wara li saret investigazzjoni (fejn intużat il-kelma *triggered).* Fir-rapport ġie mniżżel li skont diversi xhieda l-attur kien persuna li jipprovoka, b'karattru diffiċli li jmur lil hinn minn dak ta' kollega u persuni responsabbli u addirittura jirrispjeka karattru ta' pika u insubordinazzjoni.

12. Dan l-istat ta' fatt jemerġi wkoll mix-xhieda tal-individwu li ra l-inċident iseħħ quddiemu u għalhekk minn xhud indipendenti li jikkostitwixxi l-aqwa prova. L-Ewwel Qorti nnutat li x-xhud prinċipali jikkonferma li l-attur kien qed iżomm wiċċu u li fil-fatt kellu d-demm u kkonferma li l-partijiet ġew wiċċ imbwiċċ u li l-konvenut aċċidentalment laqat lill-attur f'imnieħru. Jargumenta li kieku l-attur ma kellux intenzjoni li jipprovoka inċident, żgur li ma kienx jiġi wiċċ imbwiċċ iżda jitlaq ħalli jevita kwalsiasi argument u /jew inċident.

13. L-istess xhud jgħid li l-konvenut *'stood up to'*, irreaġixxa għall-provokazzjoni tal-attur. Infatti dan kollu l-Ewwel Qorti irrikonoxxietu iżda għażlet li tinjorah meta ġiet biex tassenja r-responsabbiltà. Kienet l-Ewwel Qorti stess li qalet:

> "***18.*** *Għalhekk anke din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konklużjonijiet tal-inkjesta. Mill-inkjesta jirrisulta fost oħrajn "… it transpires that Bdr Zammit M attitude triggered SSgt Micallef T to stand up and give a head butt to Bdr Zammit on his nose" (a' fol 88 emfażi tal-Qorti). Il-kelma "triggered" tagħti x'tifhem li seta' kien hemm xi provokazzjoni min-naħa tal-Attur li wassal għall-inċident. L-Attur ma jidhirx li huwa bniedem faċli. L-anqas ma jidher li huwa l-aktar persuna popolari fuq*

*il-post tax-xogħol, tant li anke jgħid li sħabu għadhom sal-lum jinkuh bl-inċident (ara rapport ta' Dr. Etienne Muscat a' fol 46). L-anqas ma din il-Qorti ma teskludi li l-Attur kien insubordinat. Iżda dan il-fatt waħdu ma kellux iwassal għall-att li wettaq il-konvenut. Anzi huwa f'mumenti bħal dawn li persuna tal-kariga tiegħu għandu jgħati eżempju lil dawk ta' madwaru billi jagħmel dak li għandu jagħmel mil-lat ta' dixxiplina.*

14. Jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza tal-qrati tagħna fejn intqal li l-provokatur ta' kwalsiasi argument/u jew inċident ta' din ix-xorta għandu jġorr responsabbiltà, kif sewwa u xieraq wara kollox u l-Qorti anke għarfet toħloq sens ta' ġustizzja u ekwità hekk kif proporzjonat ir-responsabbiltà tal-inċident mertu ta' dawk l-istess proċeduri b'mod ugwali u ekwu għaliex effetivament kien l-aġir taż-żewġ partijiet illi ġab fis-seħħ l-inċident in kwistjoni u kwalsiasi danni emerġenti minnu, u l-Qorti għarfet li ma tkunx sproporzjonata fid-deċiżjoni tagħha u tonqos milli tikkastiga lil min ipprovoka u ġab in effett id-danni eventwali. Huwa għalhekk li l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet ferm żbaljata fid-deċiżjoni tagħha għaliex naqset li tapplika dan is-sens ta' ġustizzja u ekwità. L-appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fejn il-konvenut kien ukoll il-vittma ta' provokazzjoni ta' żewġ kwalitajiet kemm fuq medda twila ta' żmien u kif ukoll wara.

15. Dan hu kollu turija li l-attur appellat ma jistax ma jiġix ikkastigat proprju għaliex jagħraf iqarraq u jistaħba wara maskra qarrieqa, liema maskra waqgħat. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fejn il-Qorti għarfet taqsam ir-responsabbiltà. Jinsisti li kieku l-attur ma kienx pikuż

qabel jew wara l-inċident kieku l-istess akkadut ma kienx iseħħ u li fil-każ odjern kellhom jiġu applikati l-prinċipji relatati mal-kontributorjetà u prinċipji applikabbli meta impjegat ipoġġi lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' periklu. Jħossu aggravat li l-Ewwel Qorti kkastigat unikament lill-appellant.

16. L-Ewwel Qorti għarfet li l-attur kien bniedem provokattiv, insubordinat u diffiċli u naqset totalment li tirrikonoxxi li bħala membru tal-Forzi Armati l-attur kellu jġib ruħu b'mod ċivili u eżemplari. Qatt ma kellu jirriżulta xi forma ta' dubju dwar il-kontributorjetà u l-provokazzjoni *da parte* tal-attur appellat. Kien proprju l-aġir u n-nuqqas ta' sens komun li poġġa lill-attur fil-periklu. Għaldaqstant ir-responsabbiltà tal-akkadut ma kellhiex tiġi unikament addebitata lill-konvenut.

17. L-attur appellat iwieġeb billi jagħmel referenza għar-rapport tal-Kaptan Julian Tonna li permezz tiegħu kkonstata li *"All three also alleged that the case was completely an accident, but the board is of the opinion that it is practically impossible, completely illogical and not compliant with the injuries sustained by both SSgt Micallef T and Bdr Zammit M".* Jargumenta li kieku l-akkadut kien inċident dan ma kienx ser iwassal għall-dannu ta' 6% diżabilità permanenti. Ix-xhieda mressqa ma kienux kapaċi jirrispondu mistoqsija waħda fuq il-kawża tad-demm tal-attur. Jargumenta li x-xhieda mhux kredibbli u li ma kienx possibbli li kien hemm

3 minn nies bilqiegħda fuq tarġa jħarsu lejn il-parkeġġ u dan anke fid-dawl tar-rapport tal-Kaptan Julian Tonna.

18. Fir-rigward ta' dak li ttanta jargumenta l-konvenut fuq l-għemil tal-attur u li kellu jġib eżempju, l-attur *qua* appellat jissenjala dak li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-konvenut u ċjoè li r-reazzjoni tal-konvenut kienet sproporzjonata u li l-konvenut kellu jkun ta' eżempju u huwa ċar li l-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi għall-konvenut u mhux għall-attur.

19. Jisħaq li fejn il-konvenut jargumenta li x-xhud Mark Sultana qal li l-konvenut "stood up to" l-attur, fil-verità dak li qal ix-xhud kien li l-appellant "stood up to stop", li jfisser li sempliċiment qam bil-wieqfa. Anqas ma jaqbel fejn il-konvenut prova jgħid li l-Ewwel Qorti ddiskrivietu bħala bniedem li mhuwiex faċli u dan għaliex l-Ewwel Qorti saħqet li dan waħdu ma kellux iwassal għall-att li wettaq il-konvenut. Jargumenta li r-reazzjoni tal-konvenut ma kinitx proporzjonata.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:

> <<.. ***8***. *Din il-Qorti trid izzomm nettament distinti l-kamp penali minn dak ċivilistiku. Huwa għalhekk li wieħed mill-ewwel artikoli tal-Kodiċi Krminali jistipula hekk:*
>
> > *"3.(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.*
> >
> > *(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta'ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.*
> >
> > *(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat."*

***9.*** *Il-leġislatur bħal donnu ried li jagħmel emfażi li dawn iż-żewġ azzjonijiet jimxu indipendentement minn xulxin. Di fatti minkejja li artikolu 643 jiddisponi li ebda xhud ma jista' jkun imġiegħel iwieġeb għal mistoqsijiet, meta t-tweġiba tista' ġġibu taħt proċess kriminali, ma hiex xi privileġġ li xhud bħal dan jagħżel li ma jixhidx fi process ċivili. Id-dritt taħt din ir-regola jintitola biss li persuna ma jweġibx għal dawk il-mistoqsijiet li jistgħu jinkriminawh. Tant dawn iż-żewġ azzjonijiet jimxu indipendenti minn xulxin, li jista' jagħti l-każ li akkużat li jiġi meħlus fi proċess penali, xorta jista' jinstab responsabbli għad-danni fi proċess prettament ċivili.*

***10.*** *F'dan l-istadju l-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-* ***Sentenza fl-ismijiet Farrugia -vs-*** *Farrugia, de****ċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966****, fejn ġie elaborat il-prinċipju fuq imsemmi b'dan il-mod:*

> *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

***11.*** *Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kejl ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet li tingħatalu, iżda jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment huma biżżejjed għall-konvinċiment.*

***12.*** *Għax kif ġie dejjem ribadit, iċ-ċertezza morali tinstilet mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġjonevoli. Għalhekk, "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". (supra Farrugia -vs- Farrugia).*

***13.*** *Issa minn dak li għandha quddiemha l-Qorti, b'ħafna mix-xhieda jipprovaw jiżolqu li jispjegaw x'ġara għalkemm kienu presenti għall-inċident, żewġ verżjonijiet: dik tal-Attur, li jgħid li l-konvenut intenzjonalment tah daqqa b'rasu fuq imnieħru u dik tal-konvenut, li fehmet din il-Qorti, dan jgħid li laqat lill-Attur f'imnieħru inċidentalment meta qam biex ikellmu.*

***14.*** *Wara li din il-Qorti eżaminat fid-dettal il-provi, waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni tal-Attur hija ħafna aktar verosimili minn dik tal-Attur. Di fatti anke il-Kaptan Julian Tonna, wieħed mill-uffiċjali li għamel parti mill-inkjesta interna bla tlaqliq jgħid li huma li waslu*

*"għall-konklużjoni tal-Head butt għaliex ma rawx li kienet verosimili l-istorja tal-konvenut li laqat lill-Attur aċċidentalment waqt li kien qiegħed iqum minn bil-qegħda" (a' fol 22 u 369 tergo).*

***15.** L-Attur jixhed "li wara li ergajt tlabtu biex jaqla' din il-arma, dan qam minn bil-qeghda ta' daqqa ta' ponn mal-bieb, dar fuqi ghola fuq il-ponot ta' subghajh, tani daqqa b'rasu f'imniehri. Dan kollu sehh quddiem staff sergent Mark Sultana li dak il-hin inhasad, kif ra lil Tonio Micallef jaghtini daqqa b'rasu u qallu : 'Mela inti hekk taghmel". (a' fol 27).*

***16.** Ix-xhud prinċipali Mark Sultana kien evażiv għall-aħħar fix-xhieda tiegħu, di fatti anke fl-investigazzjoni tal-Armata ġie deskrit bħala "inconsistent and hesitant" (a' fol 88). Pero' jikkonferma li l-Attur kien qed iżomm wiċċu u li fil-fatt kellu d-demm. Jikkonferma ukoll li l-partijiet ġew wiċċ 'm b'wiċċ (a' fol 62 u 63). Tajjeb li jingħad li fl-inkjesta dan ix-xhud qal li "…SSgt Micallef T stood up to Bdr Zammit M and accidentally hit him on the nose" (a' fol 89). Dettal li f'din il-Kawża naqas li jgħid minkejja l-persistenza ta' mistoqsijiet li sarulu kemm mill-avukat tal-Attur u anke mill-Qorti" (a' fol 88). Tajjeb ukoll li jiġi osservat li għal raġunijiet li jaf huwa biss fl-Affidavit tiegħu l-Konvenut ma jgħid xejn dwar l-inċident mertu tal-kawża li wassal għall-ferita f'imnieħer l-Attur. Ma jghid xejn dwar il-mod kif seħħ l-inċident pero' jiddeskrivi lill-Attur bħala persuna għażżiena. Jgħid ukoll li jekk wieħed jara l-file tal-Konvenut huwa disastru (a' fol 373). Dan jindika li għall-konvenut l-Attur ma kienx wieħed mill-aktar favoriti ta' kollegi fuq ix-xogħol, ghaliex flok spjega ċar x'ġara, bħal donnu jrid li jiddenegra lill-Attur ma' din il-Qorti u dan indipendentement jekk dak li qal dwar il-konvenut hux minnu jew le. Pero' din il-parti tax-xhieda hija ukoll indikazzjoni tar-relazzjoni pre esistenti għall-inċident.*

***17.** Ix-xhud Benny Micallef, li dak in-nhar tal-inċident kien mal-Attur jixhed li mar ifittex karta u biro. "Sakemm fittixt u tlajt jiena, insib lil Michael ibaħbaħ wiċċu ma' sink bid-demm". Rah iżomm imnieħru u d-demm iqattar u jbaħbaħ bl-ilma. Mal-Attur kien hemm Staff Sergent Sultana li kien qiegħed jassistih (a' fol 57). Dan ix-xhud jgħid ukoll li l-Attur ma qallux biex kien weġġa'. Oħroġ il-għaġeb, ebda wieġed mix-xhieda ma jaf x'kienet il-kawża tad-demm ħiereg minn imnieħer l-Attur u partikularment Mark Sultana jgħid li ma kienx affarih u dawn ħwejjeġ li ma jirrigwardawhx. Għal din il-Qorti huwa ċar li x-xhieda la jridu jfuħu u lanqas jintnu mal-konvenut. Dettal xi ftit importanti huwa dak meta l-konvenut qal li qabel kien hemm diġa' inċident simili mal-konvenut (a' fol 89). Pero' ma amplifikax x'kien dan l-inċident. Imma minn hawn jirrisulta ukoll li din kienet ilha ġejja għaliex bejn il-kontendenti jidher li kien hemm l-imma.*

***18.** Għalhekk anke din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konklużjonijiet tal-inkjesta. Mill-inkjesta jirrisulta fost oħrajn "… it transpires that Bdr Zammit M attitude triggered SSgt Micallef T to stand up and give a head butt to Bdr Zammit on his nose" (a' fol 88 emfażi tal-Qorti). Il-*

*kelma "triggered" tagħti x'tifhem li seta' kien hemm xi provokazzjoni min-naħa tal-Attur li wassal għall-inċident. L-Attur ma jidhirx li huwa bniedem faċli. L-anqas ma jidher li huwa l-aktar persuna popolari fuq il-post tax-xogħol, tant li anke jgħid li sħabu għadhom sal-lum jinkuh bl-inċident (ara rapport ta' Dr. Etienne Muscat a' fol 46). L-anqas ma din il-Qorti ma teskludi li l-Attur kien insubordinat. Iżda dan il-fatt waħdu ma kellux iwassal għall-att li wettaq il-konvenut. Anzi huwa f'mumenti bħal dawn li persuna tal-kariga tiegħu għandu jgħati eżempju lil dawk ta' madwaru billi jagħmel dak li għandu jagħmel mil-lat ta' dixxiplina.*

***19.** Dwar il-provokazzjoni fil-kamp ċiviltiku tad-danni intqal hekk:*

> *"La guirisprudenza civili ha constatamente affermato che 'la provocazione non puo' essere considerate causa mediate del danno inferto dal provocato (danneggiante) al provocatore (dannegiato), con il-risultato che l'integrale reponsabbilita' per id-danni subiti dal secondo incombe sul-primo" ( Ara **Giovanna Visitini, Trattato Breve di responsabbilita' Civile, Cedam, Ed 1997, pg 577-578**). F'ċirkostanzi bħal dawn ġie osservat li "l-anqas jista' l-konvenut jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew forsi aktar eżattament, il-calor rixae. Hu, difatti, prinċipju indubitat ta' dritt penali, li ma hijiex affattu ammessa bħala attenwanti tar-responsabilita` dik li bi frażi skultorja ssejjħet "provocation provoked by the prisoner" (ara Harris & Wilshere, Criminal Law, p 201) u hu wkoll paċifikament riċevut li ma jistax jikkampa ebda diminwenti ta' responsabilita dak li l-fatti juru li kien qiegħed jaġixxi minħabba dik li tissejjaħ "an old grudge" (ibidem p 202), kif kien dan il-każ, fejn il-konvenut kien dejjem iħabbat fuq din il-kwistjoni tal-kera ta' ftit xelini."*

***20.** Del resto, hu anki prinċipju ieħor li r-reazzjoni, biex tiġi ammessa l-iskużanti tal-provokazzjoni, jeħtieg li tkun proporzjonata" (Ara Sentenza fl-ismijiet **Francesco Gauci -vs- Salvatore Gauci, Appell Ċivili, tat-30 ta' Novembru 1956 riportata a Vol. XL P I p 376** u **ara wkoll Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Philip Muscat, Appell Kriminali, tat-12 ta' Marzu 1960**).*

***21.** Għalhekk din il-Qorti, jekk il-konvenut irid jagħti x'jifhem li kien provokat u allura għandu jkun hemm temperament fil-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti issib li ma hux il-każ. L-ewwel u qabel kollox għaliex r-rejazzjoni tal-konvenut kienet sproporzjonata għall-aħħar u it-tieni jrid jinżamm il-kuntest tal-każ. Il-kariga li jidditjeni fil-Armata titlob minnu li għemilu jkun ta' eżempju għal ħaddieħor għaliex jispetta lilu jżomm id-dixxiplina. Kif ġab ruħu huwa għal kollox kontra dak li huwa mistenni lilu.*

***22.** Għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li l-Attur unikament jaħti għall-inċidenti u danni konsegwenzjali li soffra l-Attur..>>*

21. **Din il-Qorti** tqis li dak li qed jitlob l-appellant huwa li din il-Qorti

tagħmel riapprezzament tal-provi u tiddisturba dak deċiż mill-Ewwel Qorti. *Ormai* illum hu aċċettat li l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-provi, speċjalment meta ma teżistix qorti tat-tielet istanza **(**ara **Rocco sive Ronnie Schembri et v. C&F Building Contractors Limited (C15308),** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-18 ta' Ġunju 2024).

22. Issa wara li qieset l-atti u l-aggravju, jidher ċar li l-appellant mhux qed jinnega l-akkadut iżda jinsisti li dan kien inċident ikkawżat mill-attitudni tal-attur għaliex li kieku l-attur ma kienx qed jaġixxi kif aġixxa l-appellant ma kienx iqum u jolqtu f'imnieħru.

23. Din il-Qorti tqis li mhuwiex ċar kif eskalat is-sitwazzjoni, u dan anke b'emfażi fuq ix-xhieda riprodotta mill-Ewwel Qorti f'paragrafu 14, 15, 16 u 17 fil-konsiderazzjonijiet hawn ċitati. Tassew ħadd mix-xhieda ma ta stampa ċara ta' dak li seħħ u x-xhieda mressqa qalu biss li l-partijiet ma kinux viċin xulxin iżda li meta l-attur wasal biex ineħħi l-aħħar arma li kien qed jiżbarazza, l-konvenut u persuni oħra kienu fuq brejk, u li wara li l-attur talab diversi drabi l-għajnuna sabiex ikun jista' jlesti l-iżbarazzar tal-armi, f'daqqa waħda s-sitwazzjoni eskalat u spiċċa bid-demm ma' mnieħru u dan wara li l-konvenut u l-attur spiċċaw jikkonfrontaw lil xulxin wara li l-attur ripetutament baqa' jitkellem baxx. Min-naħa waħda l-akkadut jiġi mpinġi bħala inċident u min-naħa l-oħra jingħad li saret

*headbutt* mill-konvenut lill-attur.

24. L-appellant jargumenta u jsostni kemm-il darba li l-attur għandu karattru diffiċli u jittanta jagħmel dak imsejjaħ bħala *character assassination* tal-konvenut, u dan billi anke jikkwota dak li qalet l-Ewwel Qorti f'paragrafu 18 tal-konsiderazzjonijiet hawn ċitati. Iżda wara li fliet ix-xhieda mressqa din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li verament temmen li kien hemm xi provokazzjoni estrema li teħles lill-konvenut mir-responsabbiltà unika ta' dan l-inċident. Issir referenza għal kawża fl-ismijiet **Antoine Spiteri v. Mario Vella et,** deċiża nhar il-15 ta' Novembru 2023, mill-Qorti tal-Appell, fejn intqal li:

> "*15. L-Ewwel Qorti ġustament warrbet l-argument ta' calor rixae mressaq mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, fis-sens li din id-difiża mhix sostenibbli meta r-reazzjoni tkun waħda sproporzjonata. B'żieda mal-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, issir referenza għas-sentenza reċenti ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet Jeffrey Saliba v. Richard Attard dwar din il-materja, fejn hemm ingħad:*
>
> > *"21. Mill-banda l-oħra, id-difiża tal-provokazzjoni hija bbażata fuq is-saħna tad-demm u d-dgħajfien tar-raġuni tal-individwu – ħaġa li wieħed jista' jaħrabha u jilqa' għaliha minn qabel b'rieda qawwija u b'karattru sod. Biex konvenut isejjes id-difiża tiegħu f'azzjoni ċivili għad-danni fuq il-provokazzjoni, jew aħjar id-dagħdigħa tal-mument (magħrufa wkoll bħala l-calor rixae), irid jintwera li jkun hemm grad xieraq ta' proporzjonalità bejn l-għemil meqjus provokatorju u l-għemil li jnissel il-ħsara (ara Jane Carbonara pro et noe v. Mark Julian Ryan et mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2004). Fis-sewwa, jekk ir-reazzjoni ta' min jikkaġuna d-dannu tkun waħda sproporzjonata huwa ma jistax iqajjem id-difiża tal-provokazzjoni biex jinħeles mir-responsabbiltà li jwieġeb għal dak id-dannu (ara Matthew Camilleri v. Kriston sive Carson Caruana deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009)."*
>
> *Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm din il-Qorti tinsab konvinta li t-tgħajjir verbali li kien għaddej dakinhar tal-inċident, skala hekk kif l-attur mar jimbotta lill-konvenut appellant, iżda jibqa' l-fatt li, din il-Qorti wkoll tqis ir-reazzjoni tal-konvenuti sproporzjonata.*

*Ċertament huwa nieqes l-element ta' proporzjonalità bejn l-għemil meqjus provokatorju da parti tal-attur u l-għemil li nissel il-ħsara lill-attur min-naħa tal-konvenut appellant.*

*16. Fl-ewwel argument imressaq mill-konvenut appellant, huwa jibqa' jiċħad li kkawża l-feriti mġarrba mill-attur appellat. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, dan jinsab kontradett mill-istess ċertifikat mediku tal-konvenut appellant maħruġ mill-Isptar Mater Dei fl-14 ta' Settembru, 2010 (ara Dok. LB1 a fol. 226), li wara l-ġlieda ġarrab ġrieħi f'idu x-xellugija u hemm nota mdaħħla bit-titolu "Orthopedic review" fejn ġie riskontrat li l-pazjent (il-konvenut Mario Vella) daħal b'uġigħ f'idejh ix-xellugija li kienet ukoll minfuħa "after punching another person in the face". Ċertament l-impjegati tal-isptar li daħħlu din l-informazzjoni ma vvintawx dan minn żniedhom, iżda ta' bilfors kienet informazzjoni li ngħatat mill-istess pazjent (il-konvenut appellant). Dan ixejjen l-argument tal-konvenut appellant li ma kienx hu li kkawża l-ġrieħi li ġarrab l-attur (ikkunsidrat ukoll li ħadd aktar minn dawk involuti fil-ġlieda ma lmenta minn daqqa ta' ponn f'wiċċu).*

*17. Fit-tieni lok, il-konvenut appellant isostni li f'kull każ aġixxa "in legittima difesa" hekk kif spiċċa aggredit, u li wieħed mill-aggressuri għamel użu minn arma, jiġifieri katina tal-ħadid, dan ifisser li r-reazzjoni tiegħu kienet waħda proporzjonata. Tajjeb li jiġi ppreċiżat li, minkejja d-diverġenzi bejn il-verżjonijiet tal-kontendenti fil-kawża, jinsab assodat li ma kienx l-attur li għamel użu minn katina, iżda Etienne Fenech. Ta' dak l-aġir irresponsabbli, Fenech ġie kkundannat iħallas tiegħu (fil-proċeduri msemmija qabel, li jġibu referenza 297/2013) fil-konfront tal-konvenut appellant Mario Vella (li ġie kkumpensat tal-ġrieħi li ġarrab konsegwenza tal-aġir ta' Fenech). Dik is-sentenza ma ġietx appellata u llum tikkostitwixxi ġudikat. Fl-ebda stadju tal-provi ma ngħad li l-attur appellat odjern għamel użu minn katina. Dan ifisser li r-reazzjoni tal-konvenut appellant fil-konfront tal-attur Spiteri kienet tabilħaqq eċċessiva, tant li bid-daqqa ta' ponn li ta lil Spiteri, l-istess konvenut Mario Vella, weġġa' idu sew. Kwindi, minn għarbiel mill-ġdid tal-provi, ma jirriżultax li l-attur appellat wettaq xi għemil li jista' jingħad li jiġġustifika l-aggressjoni li ġarrab mill-appellant.*

*18. Għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi u ma tara xejn kunfliġġenti fil-fatt li fil-kawża l-oħra Fenech ġie kkundannat iħallas id-danni mġarrba minn Mario Vella, konvenut f'din il-kawża. Hekk kif Fenech ġie miżmum responsabbli għad-danni li ġarrab Mario Vella minħabba aġir eċċessiv min-naħa ta' Fenech, hekk ukoll, Vella għamel użu sproporzjonat fl-aggressjoni tiegħu fil-konfront tal-attur appellat Spiteri, u ta' dan għandu jwieġeb għall-konsegwenzi. Isegwi li l-ewwel aggravju ma jreġix u ser jiġi miċħud."*

25. Tosserva wkoll li l-konvenut jgħid li hu laqat lill-attur, meta l-esperti

mediċi jgħidu li l-ġrieħi li ġarrab l-attur kienu jikkombaċu aktar ma' ġrieħi ġejjin minn daqqa ta' ponn.

26. L-appellant irrepeta wkoll, kemm- il darba, li l-attur kellu jġib ruħu aħjar għaliex kieku s-sitwazzjoni ma kinitx teskala. Li ma qalx l-appellant kien li hu stess missu kkontrolla l-aġir tiegħu minflok ħalla lilu nnifsu jintrikeb mill-allegata provokazzjoni. Konsegwentement din il-Qorti ma tqisx li għandha tilqa' dan l-aggravju u sejra tiċħdu.

27. Fir-rigward tal-<u>komputazzjoni ta' danni,</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat il-prinċipji applikabbli għall-*multiplier* meta kkomputat id-danni. Dan għaliex l-Ewwel Qorti għamlet sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-attur appellat fil-mument tal-inċident u dan b'mod u manjiera li jiddipartixxi mill-prinċipji legali u każistika li l-istess Qorti għamlet referenza għalihom. L-appellant jagħmel referenza għall-każistika ssollevata mill-Ewwel Qorti li tafferma l-aggravju tal-appellant stess. B'referenza għall-każistika ta' din il-Qorti jisħaq li l-*multiplier* kellu jkun inqas minn 22.

28. L-attur appellat jargumenta li ma hemmx regola riġida ta' kif jinħadem il-*multiplier* u jirreferi għall-ġurisprudenza li tgħid li l-kwantifikazzjoni tad-danni hija mħollija f'idejn il-Qorti.

29. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:

> *"44. Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti kellha dan xi tgħid:*
>
> > *"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*
>
> *45. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963 fejn kienet qalet hekk:*
>
> > *"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.".*
>
> *46. Kultant ċertu provi jittieħdu wisq b'leġerezza. L-Attur ma esibixiex certifikat tat-twelid tiegħu jew xi dokument affidabbli f'dan ir-rigward. F'każ bħal dan, sakemm ikun possibbli, il-Qorti għandha tifli l-bqija tal-provi biex tiskopri data tat-twelid jew indikazzjoni ta' din id-data.*
>
> *47. Fil-każ li għandha quddiemha dan id-dokument hija l-istorja medika tal-Attur, minn fejn tirrisulta li d-data preċiża tat-twelid li hija 28 ta' Ottubru 1981 li tagħmel sens, meta wieħed jikkonsidra li n-numru tal-karta tal-identita' tal-Attur huwa 596481(M). L-aħħar żewġ numri huma indikattivi tas-sena li twieled fiha l-Attur (a' fol 173). L-Attur ma jidhirx li kellu xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevita' ta' ħajtu. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-65 (sena pensjonabbli). L-inċident seħħ fl-1 ta' Awwissu 2017 meta l-Attur kellu 36 sena. Dan ifisser, li l-kalkolu li ser jittiehed huwa fuq medda ta' 29 sena...>>*.

30. **Din il-Qorti** rat l-aggravju mressaq u taqbel li fil-fatt il-Qrati tagħna ħadu l-pożizzjoni li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni iċ-*chances and changes of life* meta jkun ikkalkulat il-*multiplier.* In fatti fil-kawża fl-ismijiet

**Christine Hannah Burns nomine v. Paul Ebejer pro et noe et** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Novembru 2024, ġie meqjus li:

> *"86. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Azzopardi v. Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, ingħad ukoll li għalkemm il-Qorti għandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-inċident, m'għandux jittieħed biss il-maximum working life expectancy tad-danneġġat. Il-kunċett ta' chances and changes of life, ġie introdott biex proprju jiġġustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bażi tal-prinċipju li ħadd ma jaf il-futur u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Isegwi li l-working life expectancy m'għandux ikun ikkunsidrat kollu għall-fissazzjoni tal-multiplier.*
>
> *87. Għalhekk fil-każ ta' dan l-ilment, l-aggravju tal-konvenut jitqies ġustifikat fis-sens illi l-multiplier għandu jkun ta' erbatax u mhux ta' tmintax-il sena."*

31. Tqis li għandha tapplika dan l-istess insenjament fil-kawża odjerna. F'dan il-każ meta seħħ l-inċident l-attur kellu 36 sena. Jitqies li l-*multiplier* għandu b'hekk ikun maħdum fuq 25 sena u mhux 29 sena kif saħqet l-Ewwel Qorti u għaldaqstant din il-Qorti sejra parzjalment tilqa' dan l-aggravju.

32. Fir-rigward tad-<u>danni morali l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti</u> kienet żbaljata meta llikwidat danni morali u dan għaliex l-attur ma ressaq l-ebda talba kif ikkontemplat fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili u anqas ma talab xi korrezzjoni sabiex iressaq it-talba. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti aġixxiet *extra petita.* *In oltre* l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta llikwidat danni morali a favur l-attur abbażi tal-Artikolu 1045 u dan l-artikolu mhux applikabbli għall-każ odjern peress li l-inċident seħħ qabel l-1 ta' Awwissu

2017. L-Artikolu 1045 ma daħalx b'effett retroattiv u għalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma kellha tapplikah u dan b'referenza anke għall-ġurisprudenza applikabbli. Infatti l-Ewwel Qorti qalet li ser tillikwida danni morali wara li ħadet in konsiderazzjoni li l-attur għadda minn umiljazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

33. Il-konvenut jirribatti l-linja ta' ħsieb addottata mill-Ewwel Qorti u dan għaliex l-Ewwel Qorti stess setgħet tinnota li l-attur appellat huwa bniedem problematiku u insubordinat u għalhekk jekk verament teżisti umiljazzjoni fuq il-post tax-xogħol dan hu frott l-aġir u l-atteġjament xejn komplimentuż tal-attur appellat li fi kliem l-Ewwel Qorti stess:

> *"L-Attur ma jidhirx li huwa bniedem faċli. L-anqas ma jidher li huwa l-aktar persuna popolari fuq il-post tax-xogħol... L-anqas ma din il-Qorti ma teskludi li l-Attur kien insubordinat."*

34. Rigward l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti li l-attur ser jiġi mċaħħad għall-bqija ta' ħajtu milli jeżerċita attivitajiet extra-kurrikulari, dan fl-oppinjoni tal-appellant huwa żbaljat u sproporzjonat u dan għaliex il-ferita li sofra ma ċċaħdekx milli teżerċita attivitajiet extra-kurrikulari, aktar u aktar meta l-attur jistqarr li jilgħab ir-*rugby* u li ma hemmx għal fejn wieħed ikun fil-kamp sportiv biex jintebaħ li dan huwa *contact sport* intensiv li jesponik għad-daqqiet u l-feriti.

35. L-attur appellat iwieġeb li fit-talbiet tiegħu l-esponent talab li l-Qorti tillikwida danni sofferti u dan ifisser li dawn kienu jkopru wkoll danni

morali. Jargumenta li hu ressaq xhud lil Dr Etienne Muscat li ppreżenta rapport mediku li daħal fis-*psychological and lifestyle sequelae of the incident.* Jgħid li ġie konkluż li l-*psychiatric disability* hi ta' 12%, liema rapport ma ġiex kontradett.

36. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:

> *<<..51. Di piu' din il-Qorti tfakkar li l-proviso tal-artikolu 1045 jistipula hekk:*
>
> > *"Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal- Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammontmassimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jridjiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent" . (Emfażi ta' din il-Qorti).*
>
> *52. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, jirrisulta li proċeduri kriminali kontra l-konvenut ittieħdu, tant li minħabba f'hekk tqiegħed fuq nofs pensjoni (ara fol 300). Sa din is-sentenza il-Qorti għandha għal fejn tifhem li dawn għadhom pendenti.*
>
> *53. Issa ma huwiex dubitat li għemil il-konvenut kien wieħed volontarju, li kif diġa' aċċennat, wassal għal debulizza permanenti fil-persuna tal-Attur. Din il-Qorti fil-kompetenza ċivili tagħha, ma hiex tenuta li tistenna l-esitu tal-proċeduri penali jew li tkun taf ix-xorta ta' rejati li ġew addebitati lill-konvenut f'dawk il-proċeduri biex tkun tista' tapplika din il-parti tal-liġi. Li kieku kien hekk, il-proċeduri f'din il-Kawża jistgħu idumu indefinittivament u l-prinċipju li ż-żewġ azzjonijiet jimxu indipendentement minn xulxin jista' jintrema l-baħar.*
>
> *54. Għalhekk, sabiex jiġi applikat il-proviso tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, kull ma għandha tagħmel il-Qorti hu, li tistabilixxi jekk il-fatti jissubentrawx fl-elementi tar-rejat kontemplati fil-Kodiċi Kriminali fit-titoli imsemmija fil-proviso fuq imsemmija.*
>
> *55. Issa għal din il-Qorti huwa ċar, li l-fatti li għandha quddiemha jikkontemplaw ir-rejat taħt titolu VIII tat-taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-kodiċi Kriminali. L-anqas ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-artikoli 216 tal-kodiċi Kriminali jaqa' fil-previżjoni tal-proviso fuq*

*imsemmija.*

*56. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:*

> *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja;*
>
> *(2) Jew (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ. (emfazi tal-Qorti).*

*57. Għalhekk din il-Qorti, apparti li ser tgħaddi biex tillikwida d-danni bis-soliti prinċipji u gwidi, ser tkun ukoll qegħdha tillikwida d-danni morali taħt dan il-proviso, dan qed tagħmlu wara li ħadet inkonsiderazzjoni l-gravita' tal-ferita, l-umiljazzjoni li għadda minnha l-Attur u x'aktarx għadu għaddej minnha fuq ix-xogħol u li dan ser ikun imċaħħad għal bqija ta' ħajtu milli jeżerċita attivitajiet estra-kurrikulari tal-ħajja.*

*58. F'dan ir-rigward l-Attur isemmi li kien jilgħab ir-rugby. Dan mhux ser ikun jista' jagħmlu aktar. Jixraq ukoll li jinbagħat il-messaġġ ċar, li żmien il-cowboys għadda u li partikularment persuni f'posizzjonijiet u karigi ta' awtorita' għandhom jużaw id-dixxiplina iżda qatt aggressjoni. Għalhekk, f'dan ir-rigward il-Qorti qed tillikwida s-somma ta' sitt elef ewro (€6000) abbażi tal-artikolu tal-proviso tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili bħala danni morali u psikoloġiċi. Il-Qorti ser ukoll tqies din is-somma, bħala li tagħmel tajjeb għal integrita' psiko-fiżika tal-Attur.*"

37. **Din il-Qorti** rat li l-Ewwel Qorti llikwidat id-danni morali abbażi tal-*proviso* tal-Artikolu 1045 (1) tal-Kapitolu 16. Kif osserva sew l-appellant, dan il-*proviso* ġie introdott fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att XXXII tal-2018 u b'hekk wara li seħħ l-inċident in kwistjoni. Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **TCV Management and Trust Services Limited (C-17138) v. Neville Aquilina pro et noe et** deċiża nhar il-11 ta' April 2024 esprimiet ruħha fuq il-kwistjoni tar-retroattivita u qalet:

"*45. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva u l-kliem tagħha ma jkunx jimporta retroattività, dik il-liġi m'għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Tabilħaqq, biex liġi jkollha effett*

*retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għaldaqstant, fid-dubju, għandu jkun eskluż (ara Edgar Baldacchino et v. Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. noe et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 1954, Joseph Caruana Curran noe v. Anthony Camilleri noe maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru, 1959 u Joseph Genovese v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2022)."*

38. F'dan il-każ il-*proviso* introdott ma jgħidx li dan l-istess *proviso* japplika b'mod retroattiv. Għaldaqstant jiġi meqjus li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda bażi legali tillikwida danni morali u għaldaqstant din il-Qorti ser tkun qed tilqa' din il-parti tal-appell u tnaqqas kwalunkwe danni morali likwidati.

39. Rigward ir-rata ta' inflazzjoni l-konvenut iħossu aggravat għaliex ir-rata applikata hi eċċessiva u mhix skont il-ġurisprudenza nostrana. Meta l-Ewwel Qorti stabbiliet ir-rata ta' 6% imkien ma elaborat u/jew iġġustifikat fuq liema kriterji waslet għal tali persentaġġ. Għalkemm wieħed jifhem li l-inflazzjoni hi realtà li wieħed irid jaħseb għaliha, madankollu tali rata għandha tiġi stabbilita skont kriterji u riċerka appożita u dan anke b'referenza għall-ġurisprudenza. Jitlob li jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur u milqugħa t-talbiet rikonvenzjonali tiegħu.

40. Jagħmel referenza lejn għadd ta' sentenzi li taw persentaġġ medju għar-rata tal-inflazzjoni (1.18% fis-sentenza Anna Attard v. Malta Public Transportation Services (Operations Limited) et deċiża mill-Prim'Awla fit-13 ta' Jannar 2021 u 1.09% fis-sentenza Vella Benigno v. WasteServ

Malta Limited, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Frar 2021). Argumenta li applikati dawn il-prinċipji fid-dawl tal-istatistiċi tal-NSO, ir-rata tal-inflazzjoni adottata għandha tkun ta' mhux aktar minn 2.2% u dan abbażi tal-medja tas-segwenti:

2018 – 1.16

2019 – 1.64

2020 – 0.64

2021 – 1.50

2022 – 6.15

41. L-attur appellat iwieġeb li l-Ewwel Qorti ħadmet ir-rata b'mod korrett u ma għandhiex tiġi mibdula.

42. **Din il-Qorti** rat li f'kawża reċenti fl-ismijiet ***Paul Saliba et v. Dr Michael Portelli et*** deċiża nhar is-26 ta' Novembru 2024 mill-Qorti tal-Appell, li wkoll kienet tirrigwarda likwidazzjoni ta' danni, ġie deċiż li r-rata ta' inflazzjoni li għandha tiġi adottata hi dik fil-medja ta' 2.7% u dan wara li dik il-Qorti adottat l-istess figuri iżda ħadmet il-medja fuq 8 snin:

> *"26. Wara li rat l-iskeda tal-indiċi tal-inflazzjoni għal kull sena li tinsab mal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet tal-Art. 13(1) tal-istess Kapitolu, u wara li qieset ir-rati tal-inflazzjoni mis-sena 2016 (meta seħħ l-inċident) sas-sena 2023 (li hija l-aħħar rata disponibbli fiż-żmien tal-likwidazzjoni) din il-Qorti sabet li r-rata ta' inflazzjoni medja hija dik ta' 2.27%, kif jirriżulta mis-segwenti tabella:*

| Sena | Indiċi tal-inflazzjoni | % mis-sena preċedenti |
|---|---|---|
| 2015 | 832.95 | |
| 2016 | 838.29 | 0.64 (sena tal-inċident) |
| 2017 | 849.77 | 1.37 |
| 2018 | 859.63 | 1.16 |
| 2019 | 873.73 | 1.64 |
| 2020 | 879.32 | 0.64 |
| 2021 | 892.51 | 1.50 |
| 2022 | 947.40 | 6.15 |
| 2023 | 995.62 | 5.09 |

8 = 2.27% (inflazzjoni medja)

*27. Fis-sena 2016 il-paga minima kienet €8,827.52. B'rata ta' inflazzjoni medja ta' 2.27% ifisser li fuq medda ta' sittax (16)-il sena l-multiplier huwa kif jirriżulta mis-segwenti tabella:*

| **Sena** | **Introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Inflazzjoni ta' €2.27% fuq l-introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Introjtu (€)** |
|---|---|---|---|
| **2016 (inċident)** | | 8827.52 | |
| 2017 | 8827.52 | 200.38 | 9027.89 |
| 2018 | 9027.89 | 204.93 | 9232.82 |
| 2019 | 9232.82 | 209.59 | 9442.41 |
| 2020 | 9442.41 | 214.34 | 9656.75 |
| 2021 | 9656.75 | 219.20 | 9875.95 |
| 2022 | 9875.95 | 224.18 | 10100.13 |
| 2023 | 10100.13 | 229.27 | 10329.40 |
| 2024 | 10329.40 | 234.48 | 10563.88 |
| 2025 | 10563.88 | 239.80 | 10803.68 |
| 2026 | 10803.68 | 245.24 | 11048.92 |
| 2027 | 11048.92 | 250.81 | 11299.73 |
| 2028 | 11299.73 | 256.50 | 11556.23 |
| 2029 | 11556.23 | 262.33 | 11818.56 |
| 2030 | 11818.56 | 268.28 | 12086.84 |
| **2031** | 12086.84 | 274.37 | 12361.21 |
| **TOTAL** | | **168031.92** | |

43. Issa f'dan il-każ u abbażi tal-istess indiċi jista' jiġi meqjus li r-rata ta' inflazzjoni għandha tinħadem fuq il-medja bejn is-sena 2017 u s-sena 2023, u mhux 2018 sa 2022 kif indika l-appellant, u dan biex jiġu nklużi s-sena li fiha seħħ l-akkadut u s-sena li ġiet mogħtija s-sentenza tal-Ewwel Qorti:

| | |
|---|---|
| 2017 | 1.37 |
| 2018 | 1.16 |
| 2019 | 1.64 |
| 2020 | 0.64 |
| 2021 | 1.50 |
| 2022 | 6.15 |
| 2023 | 5.09 |
| | = medja ta' 2.51 |

44. Issa abbażi ta' *multiplier* ta' 25 sena u rata ta' inflazzjoni bit-2.51% tikkalkula li:

| **Sena** | **Introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Inflazzjoni ta' €2.51% fuq l-introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Introjtu (€)** |
|---|---|---|---|
| 2017 | 17,733 | 445.10 | 18,178.10 |
| 2018 | 18,178.10 | 456.27 | 18,634.37 |
| 2019 | 18,634.37 | 467.72 | 19,102.09 |
| 2020 | 19,102.09 | 479.46 | 19,581.55 |
| 2021 | 19,581.55 | 491.50 | 20,073.05 |
| 2022 | 20,073.05 | 503.83 | 20,576.88 |
| 2023 | 20,576.88 | 516.48 | 21,093.36 |
| 2024 | 21,093.36 | 529.44 | 21,622.80 |
| 2025 | 21,622.80 | 542.73 | 22,165.53 |
| 2026 | 22,165.53 | 556.35 | 22,721.88 |
| 2027 | 22,721.88 | 570.32 | 23,292.20 |
| 2028 | 23,292.20 | 584.63 | 23,876.83 |
| 2029 | 23,876.83 | 599.31 | 24,476.14 |
| 2030 | 24,476.14 | 614.35 | 25,090.49 |
| 2031 | 25,090.49 | 629.77 | 25,720.26 |
| 2032 | 25,720.26 | 645.58 | 26,365.84 |
| 2033 | 26,365.84 | 661.78 | 27,027.62 |
| 2034 | 27,027.62 | 678.39 | 27,706.01 |
| 2035 | 27,706.01 | 695.42 | 28,401.43 |
| 2036 | 28,401.43 | 712.88 | 29,114.31 |
| 2037 | 29,114.31 | 730.77 | 29,845.08 |
| 2038 | 29,845.08 | 749.11 | 30,594.19 |
| 2039 | 30,594.19 | 767.91 | 31,362.10 |
| 2040 | 31,362.10 | 787.18 | 32,148.28 |
| 2041 | 32,148.28 | 806.94 | 32,956.22 |
| 2042 | 32,956.22 | 827.20 | 33,783.42 |
| | | | **Total: 655,510.03** |

45. Filwaqt abbażi ta' *multiplier* ta' 25 sena u rata ta' inflazzjoni bit-2.2% tikkalkula li:

| **Sena** | **Introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Inflazzjoni ta' €2.2% fuq l-introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Introjtu (€)** |
|---|---|---|---|
| 2017 | 17,733 | 390.13 | 18,123.13 |
| 2018 | 18,178.10 | 398.71 | 18,576.81 |
| 2019 | 18,576.81 | 408.69 | 18,985.50 |
| 2020 | 18,985.50 | 417.68 | 19,403.18 |
| 2021 | 19,403.24 | 426.87 | 19,830.11 |
| 2022 | 19,830.11 | 436.26 | 20,266.37 |
| 2023 | 20,266.37 | 445.86 | 20,712.23 |
| 2024 | 20,712.23 | 455.67 | 21,167.90 |
| 2025 | 21,167.90 | 465.69 | 21,633.59 |
| 2026 | 21,633.59 | 475.94 | 22,109.53 |
| 2027 | 22,109.53 | 486.41 | 22,595.94 |
| 2028 | 22,595.94 | 497.11 | 23,093.06 |
| 2029 | 23,093.06 | 508.05 | 23,601.11 |
| 2030 | 23,601.11 | 519.22 | 24,120.33 |
| 2031 | 24,120.33 | 530.65 | 24,650.98 |
| 2032 | 24,650.98 | 542.32 | 25,193.30 |
| 2033 | 25,193.30 | 554.25 | 25,747.55 |
| 2034 | 25,747.55 | 566.45 | 26,314.00 |
| 2035 | 26,314.00 | 578.91 | 26,892.91 |
| 2036 | 26,892.91 | 591.64 | 27,484.55 |
| 2037 | 27,484.55 | 604.66 | 28,089.21 |
| 2038 | 28,089.21 | 617.96 | 28,707.17 |
| 2039 | 28,707.17 | 631.56 | 29,338.73 |
| 2040 | 29,338.73 | 645.45 | 29,984.18 |
| 2041 | 29,984.18 | 659.65 | 30,643.83 |
| 2042 | 30,643.83 | 674.16 | 31,317.99 |
| | | | **Total: 628,583.19** |

46. Issa jekk kellha tikkalkula l-kumpens dovut bl-inflazzjoni diġà inkluża fl-introjtu annwali, l-kumpens likwidat ser jiżdied mhux jonqos,

anke bit-tnaqqis tad-danni morali, u dan kemm bir-rata ta' 2.2%[1] u kemm bir-rata ta' 2.51%[2]. Tqis li l-iskop tal-aggravju huwa li jiġu ridotti d-danni mhux li jiżdiedu u għaldaqstant sejra tiċħad dik il-parti tal-aggravju relatata mal-inflazzjoni.

47. Din il-Qorti b'hekk sejra tirrevedi l-kumpens likwidat. Issa l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kalkolu:

> *"€17,733 (salarju) x 29 (snin sal-età pensjoni) = €514,257.*
>
> *€514,257 – 18% (lump sum payment) = €421,691.*
>
> *8% (rata ta' diżabilita' permanenti) ta' €421,691 = €33,735*
>
> *€33,735 + 6% (rata inflazzjoni) = €35,759*
>
> *€35,759+ €6000 (danni morali art 1045 proviso) = €41,759*
>
> *€41,759 + €300 (damnum emergens) =* ***€42,059*** *ammont finali ta' danni."*

48. Din il-Qorti, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq indikati tikkomputa:

> €17,733 (salarju) x **25** (snin sal-età pensjoni) = €443,325.
>
> €443,325 – 18% (*lump sum payment*) = €363,526.50.
>
> 8% (rata ta' diżabilità permanenti) ta' €363,526.50 = €29,082.12

---

[1] €655,510.03 (25 sena salarju bl-inflazzjoni inkluża) – 18% (*lump sum payment*) = €537,518.22
8% (rata ta' diżabilità permanenti) ta' €537,518.22 = €43,001.46
€43,001.46+ €300 (*damnum emergens*) = €43,301.46 ammont finali ta' danni

[2] €628,583.19 (25 sena salarju bl-inflazzjoni inkluża) – 18% (*lump sum payment*) = €515,438.21
8% (rata ta' diżabilità permanenti) ta' €515,236.12= €41,235.06
€41,235.06 + €300 (*damnum emergens*) = €41,535.06 ammont finali ta' danni

€29,082.12 + 6% (rata inflazzjoni) = €30,827.05

€30,827.05 + €300 (*damnum emergens*) = **€31,127.05** ammont finali ta' danni.

49. L-appellant ilmenta wkoll fuq l-ispejjeż, u li dawn għandhom ikunu apporzjonati skont ir-responsabbiltà tal-inċident. **Din il-Qorti** tqis li dan jiġi determinat skont l-eżitu tal-kawża, fuq kollox l-Ewwel Qorti ma sabitx li r-responsabbiltà tal-akkadut kellha tiġi maqsuma. Fir-rigward tal-kontrotalbiet din il-Qorti tqis li ma tressqu l-ebda aggravji fir-rigward tal-istess.

**Decide**

50. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqgħu limitatament kif hawn fuq spjegat u tħassar fejn l-Ewwel Qorti llikwidat kumpens ta' tnejn u erbgħin elf u disgħa u ħamsin ewro (€42,059) u minflok tillikwida kumpens ta' wieħed u tletin elf, mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmu (€31,127.05). Spejjeż ta' dan l-appell nofs bin-nofs, spejjeż tal-Ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da